TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU 397

KAZ NRU. 398

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

l-Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna (D.S.E.S.U.)

u

l-Malta Drydocks Corporation

dwar il-post ta' Manager - Mancel Island Yacht Yard.

Data: 26 ta' Mejju, 1988

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons), M.A.

Membri : Is-Sur Salvino Spiteri

Is-Sur Sydney A. Gatt F.C.I.T.

Din it-Tilwima tax-Xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija giet riferuta lil dan it-Tribunal Industrijali b'ittra tal-Onor. Ministru tax-Xoghol ta' l-14 ta' Frar, 1986.

It-'terms of remit' mibghuta mill-Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna (DSESU) kienu dawn:
'Ksur tal-ftehim tal-istruttura tas-salarji fil-grad tal-Manager Manoel Island Yacht Yard'.

Inzammu erba' seduti li fihom instemghu diversi xhieda mressqa mill-Union u gew sottomessi ghadd ta' dokumenti miz-zewg nahat.

IL-QOFOL TAT-TILWIMA:

Mill-prezentazzjoni tal-kaz mill-Union johrog l-argument ewlieni taghha dwar xi grad ghandu jkollu l-Manager tal- MIYY. Skond l-istruttura tas-salarji ta' Jannar 1980, il-Manager MIYY gie

ikkonfermat Grupp 4 l-istess bhalma kien inghata lil managers ohra Maltin fi snin ta' qabel. Wara li f'Ottubru 1981 is-Sur PH. Sciberras tqabbad jaghmel id-dmirijiet ta' MIYY Manager, il-Management tal-Malta Drydocks wera hafna inkonsistenza u ta raguni differenti wara l-ohra biex ma jonorax il-ftehim. Il-Union sostniet li l-grad ta' l-individwu qatt ma jista' jitla' u jinzel biz-zmien, hekk kif il-volum ta' xoghol jitla' u jinzel, specjalment f'post bhall-MIYY fejn l-ammont ta' xoghol ivarja minhabba ragunijiet esterni. Ghaldaqstant il-Malta Drydocks kisret il-ftehim dwar l-istruttura salarjali meta baghtu diversi impjegati bhala Manager MIYY u hallewhom fi Grupp 3.

It-twegiba ewlenija tal-Malta Drydocks kienet li ghandha dmir tistudja kull possibilita' biex jorganizza ahjar t-tmexxija fil-Management bl-aktar efficjenza, bl-ahjar mezzi possibbli disponibbli u b'ekonomija assoluta. Fiz-zmien in kwistjoni l-MIYY tilfet mill-volum ta' xoghol u min-numru ta' haddiema. Il-Manager MIYY li kien fi Grupp 4 kien gie offrut xoghol iehor fid-Drydocks u d-Departimental Manager li kien Grupp 3 ta' l-istruttura salarjali gie mitlub biex jiehu t-tmexxija tal-MIYY minn Settembru 1981. Il-MD sostniet li wara certu perjodu ta' snin ghandu jsir evalutazzjoni mill-gdid ta' dawk il-Gradi li minhabba cirkustanzi differenti jrid ikun hemm bidla kemm il fuq u kemm 'l isfel.

IL-KONKLUZJONIJIET TAL-PARTIJIET:

Il-Union stqarret li fuq il-bazi tax-xhieda u minkejja l-argumenti ta' recessjoni u telf fix-xoghol, l-ebda haddiem industrijali jew mhux industrijali f'MIYY qatt ma tnaqqaslu l-grad. Sa Marzu, 1988, il-Manager li okkupa l-post ta' MIYY Manager tbiddel darbtejn ohra meta s-Sur A. Francalanza ha post is-Sur PH. Sciberras, u ftit xhur wara s-Sur J. Mifsud ha post is-Sur Francalanza. Dawn it-tnejn thallew fi Grupp 3.

Wara li s-Sur Mifsud talab 'long unpaid leave' f'Marzu, 1988, gie appuntat MIYY Manager is-Sur J. Mizzi, u dan tqieghed mill-ewwel fi Grupp 4. Din in-nomina hi l-akbar prova li wara seba' snin li kiser il-ftehim salarjali, il-Management appunta lis-Sur Mizzi bhala MIYY Manager fi Grupp 4 mill-ewwel. Il-Union ma tistghax tifhem kif waqt lil-Management mexa mal-ftehim mas-Sur Mizzi mill-ewwel jum tax-xoghol tieghu, ma dehrlux li s-sinjuri Sciberras, Francalanza u Mifsud, ma haqqhomx huma wkoll Grupp 4. Il-Union talbet li l-MIYY Manager kollha jitqieghdu fi Grupp 4 mid-data li bdew jokkupaw il-kariga u jithallsu l-arretrati. Fil-kaz tas-sur Francalanza l-Union accettat li jithallas biss id-differenza fis-salarju billi, fuq talba tieghu stess il-perjodu ta' zmien tieghu bhala MIYY Manager kien anqas mill-probation tieghu.

Il-Malta Drydocks iddikkjarat li ghamlet li setghet biex tiftiehem mad-DSESU halli dan il-post ma jibqghax fi Grupp 4 ghal diversi ragunijiet, kif sar f'postijiet ohra bi qbil mal-Union. F'dan il-kaz il-Union ma riditx tqis it-tibdil li kien hemm fic-cirkustanzi, u naqset li taccetta ftehim formali. Dan it-tnaqqis ma sarx b'xi kapricc jew pika, izda b'rizultat ta' pjan generali fit-Tarzna kollha. F'laqgha fid-19.2.85 il-Management intrabat li jekk ix-xoghol jizdied, jikkonsidra li dan il-post jerga' jittella' ghal Grupp 4. It-Tribunal intalab iqis li l-istruttura tas-salarji in kwistjoni saret fl-1980 u kienet twassal sal-1983. Valutazzjoni tal-gradi kif suppost isir fic-cirkustanzi tal-bidu tal-1980/84 kienet zgur twassal lill-Management biex ma jaccettax li l-grad ta' Manager f'MIYY jitqieghed fi Grupp 4. Ir-responsabbilta' ta' Manager ta' Grupp 4 (Deputy Divisional Manager) hija wisq oghla u bl-ebda mod ma tipparaguna mar-responsabbilitajiet tal-Manager MIYY. Bla ebda mod it-Tribunal m'ghandu jqis dan il-kaz fuq bazi personali ta' l-individwu.

L-ANALIZI TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Il-kriterju l-aktar essenzjali fl-analizi ta' tilwima bhal din hu li t-Tribunal jara xi principji fundamentali ghandhom jispirawh halli jsib soluzzjoni globali u ekwilibrata. L-ewwel fatt li jista' jigi konstatat huwa li l-kwistjoni ghandha tirrigwardja l-post u mhux il-wicc jew l-individwu. Dan seta jsir b'ezami tal-prattika matul is-snin, ta' xi ftehim formali, tal-konswetudni, kif ukoll tar-responsabiltajiet partikulari li jgorr mieghu l-post.

F'decizjoni dwar il-kaz 183 bid-data 29.4.83 bejn l-istess partijiet dwar kundizzjonijiet ta' xoghol, it-Tribunal kien innota l-prattika li jsir 'secondment' minn mat-Tarzna ghal Employers ohra. Ghalkemm dan tqies f'aspett pozittiv madankollu t-Tribunal stqarr li m'ghandux jithalla jkun ta' dannu ghal impjegati ohra. Gie dikjarat fl-istess decizjoni li s-salarju ghandu jkun relatat aktar mar-responsabilitajiet u l-funzjonijiet illi wiehed ikun qed jaqdi, milli man-nomenklatura.

L-istess decizjoni semmiet l-prattika fl-industrija li meta wiehed jassenti ruhu minn fuq ix-xoghol ghal zmien twil, tithallas 'Substitution Pay' skond l-istatus u l-grad ta' l-impjegat.

Il-kriterji msemmija ghandhom aspett ta' natura strategika u ndustrijali. Kemm hu ghaqli li mizuri ta' 'cost reduction' jittiehdu bla qbil mal-parti socjali interessata u kemm ikunu verament effittivi jekk tassew ikunu mehtiega, li jittiehdu mhux b' 'consensus' izda b'impozizzjoni fuq individwi partikolari minghajr kunsiderazzjoni dwar motivazzjoni.

Ir-responsabilitajiet kif gustifikati b'nomini precedenti ta' Manager MIYY u kif jidher mill-varjeta' ta' dmirijiet li jgorr mieghu l-post ma jiggustifikawx bidla permezz ta' tnaqqis tal-

.../5

grad. Il-kwadru kellu ta' dawn ir-responsabilitajiet jistabbilixxi li l-Grupp 4 kellu jibqa' gustifikat.

Dan m'ghandux japplika fil-kazi ta' min ma temmx il-perjodu ta' prova fil-post ta' Manager MIYY (il-kaz tas-Sur Francalanza), waqt li ghandu japplika fil-kazi l-ohra li ghandhom jinghataw Grupp 4 u jsir tajjeb skond il-kaz ghal kwalunkwe telf finanz-jarju li setghu sofrew bhal rizultat li ma tqieghdux fil-Grad kif stabbilit minn dan it-Tribunal.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

TONIO PORTUGHESE
Chairman

SALVINO SPITERI
Membru

SYDNEY A GATT
Membru

EDWIN SPITERI
Segretarju

/ms